MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Numru. 101/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone u Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Kevin Micallef ta' 28 sena bin Joseph u Joan nee' Grixti,**
**imwieled Pieta', nhar it-12 ta' Jannar, 1982 u residenti fil-fond numru Flat 1, Hamlock Court, Triq il-Bieb, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 58982(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi **KEVIN MICALLEF** li gie akkuzat talli nhar it-02 ta' Gunju 2010, ghal habta tad-disgha ta' filghodu (0900hrs), u fix-xhur ta' qabel gewwa n-Nadur Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' flixken tal-likwidu tal-hasil tal-platti maghrufa bhala *Svelto Piu Limone Verde;*

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni, l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha li tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali nadifa tal-imputat kif ukoll l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni taghhom;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal erba' (4) xhur prigunerija li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A, tal-Kap. 9, dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din s-sentenza;

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument H esebit fl-atti u tawtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel dan;

Inoltre l-Qorti qeghda tordna illi kopja tal-atti u s-sentenza jigi mibghuta lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------